# Ħal Kirkop fl-Istorja



Kitba ta' **Joseph Goggi**
S.Th.Dip.

Minkejja li Malta gżira żgħira, wieħed jibqa' mistgħaġeb kemm hija sinjura fil-folklor, fl-istorja, fit-tradizzjoni u fil-ħajja soċjali tagħha. Ħal Kirkop wieħed mill-irħula żgħar ta' Malta, ukoll fiċ-ċokon tiegħu għandu storja sabiħa u avventuruża x'jirrakkonta.

Hawnhekk ħsibt li nagħti xi ftit informazzjoni storika mill-ħafna ġrajjiet ta' dan ir-raħal u l-matriċi tiegħu. Ta' min jgħid li qabel xejn Ħal Kirkop għandu magħqud miegħu Ħal Ġawhar li darba kien parti żgħira maqtugħa għalih bħal ngħidu aħna Bubaqra maqtugħ miż-Żurrieq. Imma filwaqt li Bubaqra, in-Nigret, Tignè u Ħal Muxi kollha għadhom jeżistu, Ħal Ġawhar intilef f'Ħal Kirkop u llum baqa' biss ismu.

Ħal Kirkop huwa bogħod mill-Belt Valletta xi tmien kilometri. Ta' min jgħid ukoll li l-ewwel darba li nafu b'xi riferenza għal Ħal Kirkop kien fl-1689. Ir-raħal hawnhekk huwa mniżżel bħala **Perkop**.

Hawnhekk qed inġibu xi ġrajjiet li seħħew fir-raħal sas-sena 1992, meta Ħal Kirkop għalaq 400 sena parroċċa indipendenti, u llum parroċċa matriċi wkoll.

1397 Uffiċjal tal-monarkija ta' Sqallija li kien jiġbor it-taxxi jidher li kien jismu Thomeus Percopu. Din hi waħda mill-eqdem dokumentazzjoni ta' l-isem li biż-żmien żviluppa f'**Kirkop**.

1450 Inbniet il-knisja tal-Lunzjata l-qadima mill-ġbir tal-poplu tar-raħal ċkejken ta' Ħal Kirkop.

1508 Ir-raħal jissemma bħala *Casale Percop*.

1575 L-ewwel ħjiel ta' **parroċċa** jissemma fiż-żjara tal-Viżitatur Appostoliku Monsijur Pietru Duzina. Huwa żar ir-raħal nhar it-8 ta' Frar. Ħal Kirkop jissemma bħala *Percopi*. Il-knisja ta' San Leonardu ma kellhiex renti imma kellha Legat marbut ma' art f'*Tal-Bakkari*.

1592 Fl-10 ta' Jannar **saret l-ewwel magħmudija** fil-parroċċa l-ġdida ta' San Leonardu, imwaqqfa fil-knisja ta' San Ġakbu. L-ewwel Kappillan, Dun Karlu Taliana ffirma bħala kappillan ta' *Casal Percop*. Imma kien nhar it-**23 ta' Mejju** li l-Isqof ta' Malta **Tumas Gargallo waqqaf uffiċjalment Ħal Kirkop bħala parroċċa għaliha u indipendenti** mill-parroċċa ta' Bir Miftuħ, il-Gudja ta' llum. Mal-parroċċa l-ġdida huwa għaqqad ukoll l-irħula ta' l-Imqabba u ta' Ħal Safi. Dawn damu magħqudin ma' Ħal Kirkop sas-sena 1598. Minn dik is-sena saru huma wkoll parroċċi indipendenti. Bis-saħħa ta' hekk **Ħal Kirkop sar parroċċa omm** jiġifieri **parroċċa matriċi** kif għadha hekk sa llum.

1596 Fil-5 ta' Jannar **saret l-ewwel difna fil-parroċċa**. Il-mejjet kien Mastru Bernardo Hellun.

1596 Nhar it-3 ta' Ġunju, erba' snin wara li twaqqfet il-parroċċa, twaqqfet il-**Fratellanza tar-Rużarju**.

1600 Il-Fratellanza tar-Rużarju diġà kellha l-artal tagħha fil-parroċċa.

1615 L-Isqof ta' Malta, Baldassere Cagliares, għamel Viżta Pastorali fir-raħal. Huwa rrapporta li kienu twaqqgħu l-kappelel ta' San Leonardu u ta' Santa Marija u flokhom inbniet il-knisja ta' llum imma bla kampnari u ż-żewġ kappelluni.

1638 Il-knisja ta' San Ġakbu, fejn twaqqfet il-parroċċa fis-sena 1592, ġiet ipprofanata mal-knejjes l-oħra ta' Santa Anastasja, Santa Maria *Ta' Pinu*, San Nikola u San Ġwann.

1640 Reġgħet inbniet il-knisja tal-Lunzjata.

1647 Twaqqaf l-artal tal-Madonna tal-Pilar u San Ġakbu, wieħed minn tal-bidunett f'Malta. Aktarx li l-inkwadru ta' llum hu ta' Stefano Erardi (1630-1716). Fih ukoll l-arma ta' l-Isqof ta' Malta Monsinjur Davide Cocco Palmieri li mexa d-Djoċesi ta' Malta bejn is-snin 1684-1716.

1658 Ingħalqet il-knisja ta' Santa Marija. L-inkwadru titulari tagħha llum jinsab fil-knisja tal-Lunzjata.

1659 Dun Xmun Azzopardi, it-tielet kappillan ta' Ħal Kirkop ġie arrestat mill-Inkwiżitur Gerolamo Casanate; huwa ntefa l-ħabs għal 7 snin u tneħħa minn kappillan. Dan minħabba l-imġiba ħażina tiegħu. Miet sentejn qabel ma nħeles.

1676 Ir-raba' Kappillan Dun Matteolo Stafragi miet bil-pesta l-kbira. Imma ta' min jgħid hawnhekk li dan ġara 11-il sena wara li kien spiċċa minn kappillan ta' Ħal Kirkop.

1680 L-Isqof ta' Malta Geronimo Molina għamel Viżta Pastorali f'Ħal Kirkop. Qal li kienet parroċċa fqira, li kellha tliet artali: ta' San Leonardu, tar-Rużarju u ta' Santa Marija. Nafu wkoll li matul din is-sena kienu jgħixu f'Ħal Kirkop 283 ruħ f'79 dar.

1684 Twaqqaf legat biex issir il-festa ta' San Ġużepp fid-19 ta' Marzu. Mela nafu fiż-żgur li l-festa diġà kienet issir qabel din is-sena.

1701 Tħalla legat marbut ma' l-artal ta' San Ġakbu minn Dun Franġisk Mangion u ddatat 20 ta' Frar.

1706 Data li wieħed għadu jista' jara fuq it-tieqa tal-faċċata tal-knisja ta' llum. F'din is-sena l-knisja ta' llum tkabbret u nbnietilha faċċata ġdida b'żewġ kampnari. Dan sar fi żmien il-Kappillan Dun Vinċenz Muscat.

1721 Nhar il-21 ta' Novembru twaqqfet fundazzjoni biex tkun tista' ssir il-festa tad-Duluri fuq l-artal tal-Kurċifiss.

1745 Nhar il-25 ta' Settembru, l-Isqof ta' Malta, Monsinjur Paul Alpheran de Bussan żar ir-raħal ta' Ħal Kirkop. Matul din is-sena twaqqfet ukoll is-Sodalità ta' l-Agunija fl-artal tal-Kurċifiss, imma llum din m'għadhiex teżisti.

1747 Tfundiet il-qanpiena mlaqqma *L-Antika* minn Mosè Bouchet fil-funderija ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

1751 Tpitter il-kwadru titulari ta' San Leonardu. S'issa l-pittur għadu mhux magħruf, imma aktarx li hu xi alliev ta' Mattia Preti.

1782 Dun Lawrenz Chirkop għamel għotja ta' flus biex il-kappella tal-Lunzjata ġiet rinnovata. Nhar l-10 ta' Novembru ġiet ukoll **ikkonsagrata bl-akbar solennità l-parroċċa ta' San Leonardu** minn Monsinjur Vincenzo Labini, Isqof ta' Malta.

1791 Saret it-Translazzjoni tal-Korp Sant ta' San Benedittu Martri. Dan kien rigal tal-Papa Piju VI nhar l-24 ta' Lulju.

1795 Titfunda l-ewwel qanpiena l-kbira fil-funderija ta' Ġwakkin Trigance, jew Triganza għall-knisja tal-Floriana. Imma aktar tard din spiċċat bħala l-ewwel qanpiena l-kbira tal-matriċi ta' Ħal Kirkop kif għadha hekk sa llum. Ġabuha r-raħal fis-sena 1862.

1802 L-artal ta' Santa Marija nbidillu t-titular tiegħu u sar dak tad-Duluri nhar it-22 ta' Jannar.

1844 Tfundiet it-tieni qanpiena, il-fustanija, fil-funderija ta' Carlo Moreno għall-parroċċa ta' San Leonardu.

1858 Twaqqfet l-Għaqda San Leonardu li 'l quddiem żviluppat f'**Għaqda Mużikali, Banda San Leonardu**.

1862 Mikielanġ Sapiano mill-Imqabba bena arloġġ għall-parroċċa ta' Ħal Kirkop. Inxtrat il-qanpiena l-kbira mingħand tal-Floriana għal Ħal Kirkop.

1877 Karlu Darmanin għamel **l-istatwa titulari l-qadima ta' San Leonardu**. Illum din tinsab fis-sagrisfija. Din saret fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Barbara.

1878 Mal-bini eżistenti tal-knisja parrokkjali żdiedu żewġ kappelluni, ukoll fi żmien Dun Ġużepp Barbara. B'hekk il-knisja ġiet kompluta kif nafuha llum. Matul din is-sena twaqqfet ukoll il-fratellanza ta' San Ġużepp.

1880 Tfundiet qanpiena oħra fil-funderija ta' Benedetto Boero ġewwa Ġenova fl-Italja.

1884 Inġiebet minn Franza l-istatwa ta' San Ġużepp.

1886 Twaqqfet is-Soċjetà ta' San Ġużepp wara li l-Kappillan Barbara qajjem devozzjoni lejn dan il-qaddis.

1899 L-Għaqda San Leonardu żviluppat fil-**Banda San Leonardu** bl-isem ta' **Società Filarmonica San Leonardo**. L-ewwel surmast kien Mro. Ignatio Catania.

1928 Instab qabar puniku f'*Ta' Brillu* u ieħor f'*Ir-Ramlia* nhar is-17 ta' Awissu. Fihom instab xi bċejjeċ ta' għadam uman. Matul din is-sena fil-parroċċa saru wkoll is-sedji tal-kor fuq stil sempliċi.

1942 Wara attakk mill-ajru nhar id-9 ta' April, kienet theżżet il-koppla tal-parroċċa. Wara l-gwerra din inħattet u nbniet koppla ġdida kif narawha llum.

1943 Fi Sqaq il-Ħarruba nstab katakombi fil-25 ta' Marzu. Xahar wara, fid-19 ta' April, instab qabar ieħor maqtugħ fil-blat f'*Tal-Imdiek*. Ġo fih kien instab ukoll xi għadam uman.

1948 Twaqqfet il-Banda San Ġużepp minn Karmenu Debono mlaqqam *il-Bott*. L-ewwel Surmast Direttur kien Mro. Jimmy Worley.

1949 Saret f'Ortisei qrib Bolzano fl-Italja **t-tieni statwa titulari ta' l-injam ta' San Leonardu** li għadna ingawduha sa llum. Matul din is-sena sar ukoll il-ventartal tal-fidda għall-artal maġġur fuq disinn ta' Antonio Sciortino b'San Leonardu fin-nofs u San Remiġju u s-Sultan Clovis ta' Franza fil-ġnub.

1952 Nhar is-16 ta' Jannar ġie inawgurat il-Kunvent tas-Sorijiet tal-Qalb ta' Ġesù.

1955 Fit-28 ta' Jannar infetħet Skola Primarja ġdida mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni Dr. Antonio Paris.

1959 Saret l-iskultura madwar il-kwadru titulari ta' San Leonardu fil-kor tal-parroċċa.

1961 Bdiet il-pittura tal-knisja kollha kemm hi. L-ewwel xogħol beda fil-koppla u l-lunetti ta' taħtha.

1962 Instab katakombi Kristjan tas-seklu erbgħa/ħamsa wara Kristu ħdejn il-grawnd ta' l-*Officers Mess*, *RAF station*, Ħal Safi.

1969 Tlestiet il-pittura tal-knisja kollha kemm hi. B'kollox saru 23 biċċa pittura mill-pittur magħruf Ġużeppi Briffa minn Birkirkara. Tpittret il-koppla, il-lunetti, il-kappelluni u l-korsija. Il-pittura turi siltiet mill-ħajja ta' San Leonardu, Patrun tal-parroċċa u matriċi ta' Ħal Kirkop.

1983 Inżebgħet il-knisja kollha fuq skala ta' kuluri maħsuba mill-pittur magħruf Emvin Cremona.

1992 Nhar it-23 ta' Mejju saret tifkira solenni **tar-raba' ċentinarju mit-twaqqif tal-matriċi u parrokkjali** ta' San Leonardu ġewwa Ħal Kirkop. Ta' min ifakkar li l-ewwel sede parrokkjali kienet twaqqfet fil-knisja ta' San Ġakbu imma bħala titular din is-sede parrokkjali minn dejjem kienet sede parrokkjali ddedikata lil San Leonardu.


**Riferenzi Biblijografiċi**

Alfie Guillaumier: *Bliet u Rħula Maltin*, pp.175-179, Malta, 1972.

Alexander Bonnici OFM: *Storja ta' l-Inkwiżizzjoni ta' Malta* Vol. II, pp.51-52, Malta, 1992.

Kittieba Diversi: *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom*, pp.11-32, Malta, 1993.

Kittieba Diversi: *L-Istorja tal-Każini tal-Baned f'Malta u Għawdex*, Vol. II, pp.179-193, Malta, 1997.

Jos. Grech, *Vari ta' Malta u Għawdex*, p.41, Malta, 1998.

Jos. Grech/Alexander Bonnici OFM, *Il-Kwadri Titulari tal-Parroċċi ta' Malta u Għawdex*, p.47, Malta, 2000.

H.C.R. Vella, *Ħal Kirkop u l-Inħawi ta' Madwaru* Vol. I, Malta, 2000.

Jos. Goggi: *Qniepen f'Malta u Għawdex u f'Pajjiżi Oħra*, pp.43-44, Malta, 2003.

Jos. Bonnici/Michael Cassar: *A Chronicle of Twentieth Century Malta*, pp.16-17, 154, 235, Malta, 2004.

Tony Terribile: *Teżori fil-Knejjes Maltin*, pp.ix-x, 3-46, Malta, 2004.